- *ANNULLAMENT TAZ-ZWIEG –*

- *ART 19 (1) (A) (C) (D) TAL-KAP 255 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis it-30 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 49**
**Citazzjoni Numru: 547/00/RCP**

**Silvana Sultana**

**vs**

**Dottor Tanya Sciberras Camilleri u l-PL Nicolette Aqulina nominati b'digriet tad-29 ta' Ottubru 1999 kuraturi deputati halli jirraprezentaw lill-assenti Kenneth Sultana**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Mejju 1992 u minn dan iz-zwieg kellhom tifla minuri Kimberly ta' sentejn Dok "A";

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat u ma kienx hieles peress illi ttiehed bi pressjoni socjali, familjari u biza';

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibbli ghall-konvenut illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar kwalitajiet tal-konvenut illi gew mohbija lill-attrici li mix-xorta taghhom fixklu serjament il-hajja konjugali bejn il-partijiet;

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghar-ragunijiet premessi ghaliex dina l-onorabbli qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikkjara illi z-zwieg bejn il-partijet tad-9 ta' Mejju 1992 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 u 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dr Tanya Sciberras Camilleri u l-PL Nicholette Aquilina li b'digriet tad-29 ta' Ottubru 1999 gew mahtura bhala kuraturi deputati halli jirrapprezentaw lill-assenti Kenneth Sultana, fejn gie eccepti:

1. Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda a fol 10 tal-process.

Rat il-verbal tat-8 ta' Novembru 2000 fejn il-kuratur infurmat lill-Qorti li kienet kitbet lill-assenti u ta' dan kellha l-prova, pero` ma kienitx irceviet risposta.

Rat il-verbal tal-21 ta' Frar 2001.

Rat in-nota tal-attrici tas-26 ta' Frar 2001 fejn permezz taghha prezentat l-affidavit taghha stess a fol 13 sa 21 tal-process.

Rat in-nota tal-attrici tal-21 ta' Marzu 2001 fejn permezz taghha esebiet tlett dokumenti (fol 22 sa 25 tal-process).

Rat ir-rikors tal-attrici tal-21 ta' Marzu 2001 u d-digriet tal-Qorti tas-26 ta' Marzu 2001 fejn giet ordnata n-notifika lill-konvenut bi zmien erbat ijiem ghar-risposta, u d-digriet tal-25 ta' Mejju 2001 fejn irriservat li tipprovdi fis-seduta li jmiss.

Rat il-verbali tal-4 ta' April 2001, tad-29 ta' Mejju 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba biex jinstema x-xhud indikat fir-rikors tal-attrici tal-21 ta' Marzu 2001, diment li l-istess xhieda tinzamm fi spoll separat mill-process, liema xhieda tkun accessibbli biss ghall-Qorti u ghall-partijiet. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi ghall-14 ta' Novembru 2001.

Rat in-nota tal-attrici tal-5 ta' Gunju 2001 fejn gew esebiti xi affidavits (fol 34 sa 37).

Rat ir-rikors tal-kuraturi tal-11 ta' Gunju 2001, id-digriet tal-Qorti tal-21 ta' Gunju 2001 fejn giet ordnata n-notifika lill-kontro-parti bi zmien erbat ijiem ghar-risposta; ir-risposta tal-attrici tad-9 ta' Lulju 2001 u d-digriet tal-Qorti kif prezentament ippresjeduta tat-28 ta' Jannar 2002 fejn peress li l-Qorti hasset li fic-cirkostanzi t-talba mhux gustifikata cahdet it-talba.

Rat il-verbal tal-14 ta' Novembru 2001 fejn xehed Dr Joseph Spiteri a tenur tad-digriet tal-Qorti tad-29 ta' Mejju 2001, tali xhieda ghandha tigi mizmuma fi spoll separat. Dr Ilona Blackman iddikjarat li m'ghandhiex provi aktar. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-4 ta' Dicembru 2001 biex il-kuratur deputat tiddikjara jekk ghandhiex provi bl-intiza cara li wara dak in-nhar il-kawza tithalla ghas-sentenza ghat-22 ta' Marzu 2002 bil-fakolta moghtija lill-attrici biex fi zmien xahar taghmel nota tal-osservazzjonijiet bil-visto/notifika lill-kontro-parti li jkollha xahar zmien biex ghar-risposta.

Rat il-verbali tal-4 ta' Dicembru 2001, u tad-19 ta' Frar 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, u Dr Blackman iddikjarat li m'ghandiex provi izjed. Dr Sciberras Camilleri bhala kuratur infurmat lill-Qorti li xi zmien ilu kienet ikkomunikat mal-assenti u nfurmatu x'ghandu jsir izda ma rceviet xejn minghandu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### (A) <u>L-AZZJONI ATTRICI.</u>

Illi l-attrici qed isostni li z-zwieg taghha huwa null peress li (a) l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat u ma kienx hieles peress illi ttiehed bi pressjoni socjali, familjari u biza'; (b) il-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibbli ghall-konvenut illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; (c) il-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar kwalitajiet tal-konvenut illi gew mohbija lill-attrici li mix-xorta taghhom fixklu serjament il-hajja konjugali bejn il-partijiet.

Illi dawn it-tlett premessi huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (a), (c) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

**(B) PROVI PRODOTTI.**

Illi b'affidavit taghha tat-22 ta' Jannar 2001 **l-attrici** sostniet li hija kienet iltaqghet mal-konvenut meta hija kellha 19 il-sena u huwa kien sena u disa' xhur ikbar minnha u l-ewwel inkontru kien hdejn id-dar tal-genituri tieghu. Wara xi xahar u nofs l-attrici kienet dahlet l-isptar u l-konvenut mar jaraha, u dam gimgha izuraha, sakemm harget mill-Isptar u bdew johorgu flimkien mill-ewwel, kwazi kuljum u kellhom x'jaqsmu flimkien wara xi gimgha. Kien l-ewwel guvni li harget mieghu bis-serjeta', ghalkemm skond hija huwa kien hareg ma tfajliet ohra pero' ma qalla xejn dwarhom.

Illi wara sena u seba' xhur johorgu flimkien izzewgu, ghaliex kien jghid li huwa imdejjaq ghand ommu ghaliex missieru dejjem jippretendi l-flus minghandu, minbarra li huh Paul kien juzalhu hwejjgu minghajr ma' jghidlu u ommu kienet taqbez ghal huh. Skond l-attrici ommu ma kienitx tlesti ikel ghalih u lanqas tahsillu hwejgu u kien jiekol ghand omm l-attrici, u kien jorqod ghand il-genituri taghha mis-Sibt ghall-Hadd, fi kmamar separati.

Illi skond hija l-konvenut ma kienx jafdaha tant li ma kienx ihalliha tohrog, u ma kienitx taghmel make-up u lanqas tilbes mini skirt, u riedha taqta' xaghara; ipprova jaqbad tqila lill-attrici ghaliex ried jizzewweg malajr.

Illi wara li izzewgu marru joqghodu mal-genituri taghha ghal tlett (3) snin u imbaghad marru jghixu f'post li kienu xtraw l-kontendenti minghand missieru. Hija kienet izomm il-flus tieghu, kemm ghaliex issostni li minnhom kienet tiehu ommu, u kemm ghaliex l-konvenut ma kienx jaf ifaddal, u kien biss wara z-zwieg li kien qalilha li kellu jaghti Lm1,000 lill-missieru.

Illi wara z-zwieg beda jmur spiss ghand il-genituri tieghu, tant li ghall-honeymoon kienu sejrin gimgha Ghawdex, izda ghamlu tlett (3) ijiem biss ghaliex kellu jmur id-dar ta' ommu ghaliex ohtu kienet iggieldet mal-gharus. Barra minn hekk fil-hajja mizzewga it-tnejn baqghu jahdmu sabiex ikollhom flus ghall-post, pero' l-konvenut kien mohhu fil-karozzi, u kien ibiddel il-karozzi nonostante li ma kienx hemm bzonn

ghal dan, u meta waqfitlu kien heddidha li joqtol ruhu b'idejh b'imqass, quddiem il-genituri taghha.

Illi wara hames (5) snin kellhom tifla li twieldet fl-24 ta' Frar 1998 u huwa kien ferah hafna ghaliex kien ilhom jipprovaw. F'Marzu 1999 kienet giet ghandhom il-kugina tieghu Pauline mill-Awstralja, li kienet divorzjata u kellha tifla ta' ghaxar (10) snin u jidher li l-istess konvenut ha grazzja maghha u kien anke stedinha id-dar u beda jghid li kien jixtieq mmur l-Awstralja. Din kienet l-ewwel darba mindu zzewgu li ried jaghmel dan, ghalkemm qabel iz-zwieg kien qalla li ried immur l-Awstralja ghaliex hemm kienet marret omm Pauline, li tigi zitu, li kienet rabbietu, izda ommu ma hallietux.

Illi minn mindu iltaqa' ma din Pauline ma baqax l-istess u mohhu biss fl-Awstralja u beda johrog wahdu, jghid li jkun jistad, izda meta marret issibu ma sabitux fejn kien jghid li kien; bdiet taqbdu dipressjoni u meta marret tfittxu u ma sabithux, meta dahhal id-dar kien hedded li joqtol lilu nnifsu billi jitghallaq mal-bozza; beda wkoll jorqod wahdu u ma jitkellimx.

Illi darba minnhom cempel lill-attrici u qalla li kien sejjer Ghawdex, pero' ma marx u wara qalla li ried immur l-Awstralja biex iderri u jsib xoghol hemm u f'dan iz-zmien kien taht kura psikjatrika ta' Dr. Joseph Spiteri. Mar l-Awstralja u wara saret taf li mar joqghod ghar-rasu u xtara karozza, u ftit wara cempel ghand ommha u qalla li ma kienx gej lura u biex tinsieh, ghaliex huwa kien idejjaq id-

dar ghaliex hassu ssikat. Ghall-ewwel ried lit-tifla izda mbaghad bired.

Illi dam ma jikkomunika mal-attrici ghal sena shiha u qalla li kien ihobb lill-Pauline u kien qieghed maghha, u ma kkomunikax izjed mat-tifla tieghu lanqas.

Illi fl-affidavit tieghu tas-17 ta' Frar 2001 **John Vella**, missier l-attrici sostna li huwa l-ewwel ma ltaqa' mal-konvenut kien meta dan mar jara lil-bintu l-isptar, u wara dahhal d-dar u martu kienet tahsillu hwejgu w issajjarlu, u wara li zzewgu damu xi erba' (4) snin jghixu maghhom.

Illi ftit qabel ma mar l-Awistralja, l-konvenut qallu li kellu *break down* u dan ftit taz-zmien wara li giet kugintu Pauline mill-Awstralja, u ried immur hemm biex jghaddilu. Qal li kien sejjer ghal tlett xhur, u jekk imur sew jibghat ghall-familja tieghu. Bint ix-xhud kienet tinsisti mal-konvenut biex jiehu l-pilloli li gew preskritti lilu, izda l-konvenut ma kienx jehodhom.

Illi **Nicholas Vella**, huh l-attrici fl-affidavit tieghu tas-17 ta' Mejju 2001 sostna li huwa kien habib tal-konvenut, li kien jghid hafna u li jara jrid jixtrih; pero' ommu kienet tlesti l-ikel ghalih u anke tahsilhu hwejgu, u kien jorqod hafna drabi ghand il-genituri tieghu u ghand ommu ftit kien imur ghaliex kienet rabbietu zitu li kienet marret l-Awstralja. Mizzewweg kien dejjem ix-xoghol gwardjan il-habs. Il-problemi inqalghu meta giet kugintu mill-Awstralja, u wara l-konvenut beda jghid li ried immur l-Awstralja u fil-fatt hekk ghamel.

Illi xehdet ukoll **Nazzarena Vella**, mart hu l-attrici Nicholas Vella, fl-affidavit taghha datat 17 ta' Mejju 2001 li sostniet darba minnhom meta Kimberley it-tifla tal-kontendenti kellha tlett (3) gimghat, u bidet tibki l-konvenut kien qal li kien ser jaqbad u jwaddab it-tifla mill-gallerija ghaliex kienet dejqitu tibki; lill-attrici qaltilha biex lill-konvenut ma thalliehx immur l-Awstralja stante li mhux veru kien qed ibati minn *depression.*

Illi xehed ukoll l-**Psikjatra Dr. Joseph Spiteri** fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2001 li kkonferma ic-certifkati a fol. 22, 23, u 24 tal-process u qal li kien ra lill-konvenut xi erba' (4) darbiet bejn Frar u Gunju 1999 u kien ibati minn *depression* minhabba ix-xoghol u l-istat tal-familja tieghu; kellu *major depressive episode* u l-fatt li mar l-Awstralja ma kellux x'jaqsam ma dan, izda relatat max-xoghol ghaliex kien qed jahdem fi spazju ristrett, izda l-fatt li baqa' hemm juri intenzjoni ulterjuri ghaliex abbanduna kollox f'Malta.

**(C) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI U L-LIGI DWAR IL-KAZ.</u>**

Illi **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** jghid:

*19. (1) "B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

(a) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza`;"*

Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu, 2000) diga kellha okkazzjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza'.

Illi fil-kaz odjern l-attrici ssottomettiet li z-zwieg taghha ghandu jigi dikjarat null peress li l-konvenut kien imdejjaq mill-familja tieghu, stante li ommu ma kienitx tahsillu hwejjeg, kienet tehodlu l-flus u wkoll ma kellux relazzjoni tajba ma huh, tant li fl-eghurisija kien iqatta' hafna hin u anke jorqod ghand il-genituri taghha.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** ( P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):-

*"… … biex pressjoni indipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irresistibli, cioe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi 'noltre` fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret esposizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza

jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi wkoll, fil-kaz "**Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (F.D.) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilita` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza` tista` tkun ukoll "*reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza` lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. - 22 ta' Novembru,1982) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza` ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza` fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza` li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza` li taqa' taht l-***artikolu 19 (a)***."*

Illi fil-kaz odjern din l-Qorti ma thossx li dawn l-elementi gew ppruvati fil-konfront tal-konvenut, ghaliex il-fatt li forsi l-konvenut kien imdejjaq fid-dar tal-genituri tieghu ghaliex kien hemm affarijiet li ma kienux jogbuh, ma jwasslux sabiex jinghad li l-konvenut kellu l-kunsens tieghu vizzjat u fl-opinjoni ta' din il-Qorti din is-sitwazzjoni familjari tieghu, anke jekk hija vera u kif deskritta mill-attrici ma tammontax ghall-vjolenza morali, fizika jew biza`.

Illi l-attrici tissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid:

**19 (1).** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond* xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null;

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-subartikolu:

"*Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra*" (**"Sh A mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – 22 ta' Novembru 1982).

Illi element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta fl-opinjoni ta’ din il-Qorti li dan il-qerq gie ppruvat stante li qabel iz-zwieg l-konvenut kien igerger dejjem dwar il-familja tieghu, kif fuq espost, meta wara iz-zwieg irrizulta li l-vera raguni ghall dan kienet li huwa kien trabba u kien migbud izjed lejn is-sija tieghu, omm l-kugina tieghu Pauline, li kienu emigraw l-Awstralja, u ghalhekk huwa qatt ma hassu parti mill-familja tieghu; hekk kif reggha ra lill-kugintu Pauline hawn Malta, dan rega ingibbed lejha kif kien qabel, u ghamel minn kollox sabiex jmur l-Awstralja fejn kienet marret hija; fil-fatt tilef l-interess f’kollox hawn Malta, u ghalkemm baqa’ jzomm dan kollu mistur, ma hemm l-ebda dubju li l-bidla fil-konvenut grat meta huwa reggha ltaqa’ ma Pauline, hawn Malta, tant li fil-fatt meta’ telqet waqa’ f’dipressjoni, u baqa’ baqa’ sakemm irnexxielhu fit-tir tieghu li jmur l-Awstralja, fejn jidher li baqa’ hemm sallum u qata’ l-kuntatt kollu mat-tifla tieghu.

Illi il-mod kif l-konvenut dejjem ta l-impressjoni li kien hemm xi haga hazina fil-familja tieghu, u il-fatt li dan kollu kien immirat sabiex jahbi s-sentimenti li kellu huwa ghall kugintu u ghall-zitu specjalment mal-attrici, iwasslu lill din il-Qorti ghall konvinciment morali, li r-rekwiziti ta’ dan is-subartikolu gew fil-fatt provati mill-provi prodotti, stante li jidher li l-konvenut intenzjonalment heba dawn il-fatti determinanti mill-attrici, u baqa’ hekk izommhom sakemm fil-fatt ra lill-kuginha tieghu, u wara dan huwa bhal iffissa li ried immur l-Awistralja, u ma setghax izjed jahbi il-gibda tieghu lejn dawn il-persuni, bil-konsewgenza li telaq kollox warajh, inkluz lill-martu u lill bintu stess. Il-fatt li f’dan il-mument

huwa kien qed isofri minn dipressjoni certament li ma ghinux is-sitwazzjoni, pero' il-kundizzjoni temporanja tal-konvenut ma hijiex l-unika spjegazzjoni, ghaliex hemm ukoll l-infatwazzjoni li huwa kellu ghall-kugintu u l-gibda nostalgika li huwa kellu ghat-trobbija tieghu minn zitu.

Illi dan kollu kien mohbi mill-attrici, u dan setgha jigi dettot biss adirittura wara li l-istess konvenut telaq ghall-Awstralja u ma giex lura izjed anzi jidher li stabilixxa ruhu hemm, probabilment mal-istess Pauline. Illi certament kieku l-attrici kienet taf b'dawn l-episodji mill-hajja tal-konvenut, hija kienet jew setghet taghmel ghazla ohra, u certament dawn l-effetti fil-karattru u il-hajja tal-konvenut kienu vitali li wiehed ikun jafhom specjalment mill-attrici, qabel ma taghmel il-pass taz-zwieg.

Illi dan l-konvenut ghamlu bi skop, ghaliex altrimenti l-attrici kienet thares lejh mod iehor, u setgha serjament jippregudika jekk iz-zwieg mal-attrici jsehhx jew le, meta huwa kellu genn sabiex ma jibqax joqghod id-dar tieghu, minhabba l-iskuzi kollha li ssemmew fix-xhieda tal-attrici, li pero' fihom qatt ma semma' l-gibda li kellu ghall-persuna li rabbietu u ghall-bintha.

Illi ma hemmx dubju ghalhekk li l-attrici giet imqarqa mill-konvenut dwar kwalita' determinanti tal-konvenut u senjatament ghall-gidba li huwa kellu ghall-istess persuni anke qabel l-istess zwieg mal-attrici, u dan huwa kkonfermat mill-fatt li ghalkemm qabel iz-zwieg l-konvenut kien iqatta' hafna zmien mal-attrici u jghidilha diversi

affarijiet fuq il-familja tieghu, fil-maggoranza negattivi, huwa qatt ma tkellem xejn fuq dan il-fatt illum espost, ghalkemm wera minn dejjem ix-xewqa li jmur l-Awstralja, pero' qatt ma indika r-raguni vera li ried jaghmel dan. Illi ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-elementi ta' qerq kontemplati f'dan is-subartikolu gew ppruvati.

Illi fl-ahharnett l-attrici ssostni illi l-kunsens tal-konvenut kien null a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d)** li jghid:

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza "**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**" (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza "**Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe**" (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta' **Viladrich:**

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and*

*volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (**Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of*

*assuming these obligations with these essential characteristics*" (**Viladrich**, P.J., op.cit., p. 687).

Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-konvenut ma kellux il-grad rikjest mill-ligi ta' diskrezzjoni tal-gudizzju, u dwar id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, u dan ghaliex mill-provi prodotti jidher li l-iskop tal-istess konvenut ghaz-zwieg kien biss biex jahrab mill-hajja li huwa hass li kien qed jghix mal-genituri tieghu, li kienet ghalih wahda dizappuntanti, wara li zitu w allura l-persuna ma min kien trabba telqet lura lejn l-Awstralja; tant kien ihossu imdejjaq li kellu genn sabiex jizzewweg, tant li pprova kemm il-darba johorg tqila lill-attrici, izda ma rnexxielux ghar-ragunijiet li ma kienux jiddependu minnu. Donnu l-konvenut ried jahrab minn xi haga, u pprova jsib rimedju egoistikament fiz-zwieg tieghu mal-attrici, pero' la darba reggha iltaqa' mal-kugina tieghu, huwa ma setghax izjed jissaporti u holoq pjan kif immur l-Awstralja u jibqa' hemm, anke jekk kellu lill-bintu hawn Malta, u fil-fatt abbanduna l-obbligi tieghu matrimonjali.

Illi kwindi rrizulta illi fil-mument taz-zwieg il-kunsens tal-attur kien wiehed invalidu abbazi tas-**sub-artikolu (d) ta' l-artikolu 19 (1) tal-Kap 255**, u l-kunsens ta' l-attrici kien gie akkwistat b'qerq prattikat fuqha mill-konvenut u ghalhekk id-disposizzjonijiet tas-**sub-artikolu (c) ta' l-imsemmi artikolu 19 (1)** jidher li gew sodisfatti u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess jikkontrastaw mat-talba attrici fuq il-bazi fuq indikati, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet Silvana Sultana u l-assenti Kenneth Sultana huwa null u bla effett abbazi tal-**artikolu 19 (c) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti, b'dan dejjem li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Mejju 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' Mejju 2002**